MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. MONTEBELLO DENNIS B.A., LL.D.

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2002

Avviz Numru. 1486/1998/1

**Avviz Nru 1486/98DM**

**Yorkie Clothing Industry Limited**

**Vs**

**Portughes Dry Cleaning Ltd**

**Il-Qorti**

Rat l-avviz tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenuti sabiex jhallsu l-ammont ta’ erba’ mija u disgha u erbghin lira u dsatax-il centezmu (Lm449.19) rappresentanti l-prezz ta’ 650 xugaman li s-socjeta attrici kellha tixtri sabiex tirrinpjazza 650 xugaman  iehor li kienu ghosfru waqt li kienu fil-pussess tas-socjeta konvenuta, minhabba traskuragni u nuqqas t’attenzjoni ta’ l-istess socjeta’ konvenuta.

Bl-interessi u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 18 ta' Marzu 1998 kontra s-socjeta konvenuta li hija ngunta ghas- subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta fejn eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li l-ebda amont ma' huwa dovut lill-istess socjeta attrici mill-eccipjenti u dana kif sejjer jigu spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Salve eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:

Illi t-talba attrici ghal-kundanna tal-konvenuti ghal hlas tas-somma ta' Lm449.19 (erba' mija disa' u erbghin lira Maltin u dsatax il-centezmi) hija ibbazat fuq il-premessa illi l-atturi kienu kkonsenjaw numru ta' xugamani lill-konvenuti ghal hasil u l-konvenuti kienu rritornaw 650 (sitt mija u hamsin) xugaman inqas.

Ghalhekk fl-ewwel lok jispetta lill-atturi illi jipprovaw bi provi cari u definittivi illi huma kienu kkonsenjaw numru specifiku ta' xugamani lill-konvenuti, u insegwitu l-atturi jridu jipprovaw ukoll illi l-konvenuti ikkonsenjawlhom lura ammont inqas.

Biex l-atturi jaslu ghal prova ta' konsenja ta' numru specifiku ta' xugamani lill-konvenuti, huma pprezentaw kopji tad-delivery notes li kienu jakkumpanjaw ix-xugamani meta jkunu kkonsenjati lill-konvenuti, u pprezentaw id-dokumenti min-numru 1 san-numru 4, rispettivament esibiti minn fol 14 sa fol 17 tal-process.

Dawn id-*delivery notes* kollha flimkien jirrapprezentaw ammont ta' 6020 (sitt elef u ghoxrin) xugaman.

Meta x-xugamani kienu jigu rritornati l-kumpanija konvenuta kienet, flimkien maghhom, tibghat min-naha taghha delivery note u thalli kopja ghand l-atturi.

Ghalhekk l-atturi pprezentaw id-delivery notes mibghuta mill-konvenuti illi flimkien jirreferu ghal numru ta' xugamani ta' 5398 (hames telef tlett mija tmienja u disghin) xugaman. Dawn id-*delivery notes,* ossia kopji taghhom, gew esibiti bhala dokumenti minn 5 sa 8 u esibiti minn fol 18 sa 21 tal-process.

Min-naha taghhom, il-konvenuti, rapprezentati minn Pierre Attard Portughes, ikkontestaw il-korrettezza ta' d-*delivery notes* mahruga mill-kumpanija attrici, u ddikjara illi d-*delivery notes* mahrugin minnhom u li jinsabu esibiti mumhiex l-unici illi gew rilaxxati.

Pero il-konvenuti naqsu illi jindikaw xi numru iehor ta' xugamani illi setghu kkonsenjaw lill-atturi u ghalhekk ghandu jitqies ipprovat illi n-numru ta' xugamani rritornati mill-konvenuti lill-atturi huwa dak li jirrizulta mid-dokumenti esibiti u ossia numru ta' 5398 (hames telef tlett mija tmienja u disghin) xugaman.

Izda billi l-konvenuti jikkontestaw il-korrettezza tad-*delivery notes* esibiti mill-atturi bhala prova tal-konsenja, jrid isir ezami akkurat tal-istess *delivery notes* biex jigi stabbilit jekk effettivament jikkostitwux fihom nfushom prova tal-kontenut taghom, ossia prova tal-konsenja tan-numru ta xugamani fihom indikat.

Apparti mill-fatt illi ma gewx esibiti d-dokumenti originali u ghalhekk tonqos l-ahjar prova kif rikjest mill-ligi, minn dan l-ezami jirrizulta mill-ewwel illi l-kopji tad-delivery notes esibiti a fol 14 u a fol 16 tal-process mmarkati dokument 1 u dokument 3 ma ghandhom ebda firma ta' xi rapprezentant tal-kumpanija konvenuta ndikattiva illi l-konsenja definitivament saret u giet accettata.

Ghaldaqstant dawn l-istess delivery notes m'ghandhom l-ebda forza probatorja u ma jistghux jitqiesu bhala prova tal-kontenut taghhom. Infatti
l-istess delivery notes bhala firma jirreferu ghal ammont sostanzjali ta' xugamani, komplessivament 3327 (tlett elef tlett mija u seba' u ghoxrin) xugaman, u ghalhekk dwar dan l-ammont ta' xugamani li l-atturi jippretendu li kkonsenjaw lill-konvenuti ma tirrizulta ebda prova ta konsenja.

Ghaldaqstant il-Qorti ssib illi l-atturi ma waslux ghal prova minnhom rikjesta illi l-konvenuti kienu ghamlu konsenja nieqsa ta' 650 (sitt mija  u hamsin xugaman) u konsegwentement tichad it-talba attrici.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

Magt Dr D Montebello B A LLD

A. Farrugia
Dep.Reg.
Civil 26